**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Frank Cini**

Illum 22 ta' Settembru 2000.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Frank Cini iben Victor u Stella xebba Vella li joqghod 'Redentur', Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 10681G) akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda qabel it-8 ta' Novembru 1999 kien komplici f'serq ta' kurrent elettriku mill-fond 'Redentur', Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex, mill-meter tad-dawl li jinsab fl-istess fond kif ukoll illi kkommetta hsara volontarja fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghal tlieta u hamsin liri Maltin (Lm53).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju 2000 skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz ikun trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2000;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati;

Wara li rat l-Artikoli 284 u 285, 325 (b) tal-Kap 9;

Wara li rat l-ircevuta li turi li l-imputat hallas l-ammont dovut lill-Korporazzjoni EneMalta;

Tillibera lill-imputat taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur